MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 41/2010

Kawza fil-lista: 27

**M A**
**vs**
**R H**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Lulju 2007, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li fiz-zmien li l-partijiet kienu separati de facto, l-attrici welldet tifla li tinsab registrata bil-konvenut bhala missierha; li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenut li rrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' sevizzi, eccessi, ingurji gravi, adulterju, u sussidjarjament inkompatibilita' ta' karattru; li d-dar matrimonjali 65, Anthony House, Triq San Guzepp Zabbar hija parafernali

tal-attrici li hi kienet akkwistat l-istess minghand missierha b'titolu ta' donazzjoni; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tressaq l-istanza odjerna; ghalhekk l-attrici qed titlob li din il-Qorti: [1] tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet esklussivament attribwibbli lill-intimat u senjatament sevizzi, eccessi, u ingurji gravi fil-konfront tal-attur, u in subordine ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba inkompatibilita' ta' karattru; [2] tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament minn ma' zewgha l-intimat; [3]tikkundanna lill-intimat ihallas manteniment adegwat, f'ammont illikwidat minn din l-Onorabbli Qorti lir-rikorrenti; [4] tapplika kontra l-intimat l-effetti u l-penalitajiet stabbiliti fl-Artikolu 48 u 51 tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; [5] tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, taqsamha f'zewg porzjonijiet applikando kontro l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-istess intimat, okkorendo bil-hatra ta' periti nominandi; [6] tiddikjara illi d-dar matrimonjali u cioe' l-fond 65, Anthony House, Triq San Guzepp, Zabbar, hija proprjeta' parafernali tar-rikorrenti u tordna l-izgumbrament tal-intimat mill-istess; [7] tawtorizza li l-attur jirregistra ossia jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti. Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa: li t-tort tas-separazzjoni jirrisjedi wkoll fuq l-attrici tenut kont tal-adulterju u sevizzi da parti taghha; li m'ghandux ihallas manteniment lill-attrici li attirat fil-konfront taghha s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-kapitlu 16; li ghandhom jigu rifuzi lilhom il-flus li nefaq fl-imsemmi fond, u l-valur tax-xoghol tieghu; li hu ghandu jigi awtorizzat jirrisjedi fl-imsemmi fond ad eskluzjoni ta' l-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut fit-termini tal-artikoli 38 u 40 tal-kapitlu 16; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Min-naha tieghu l-konvenut qed jattribwixxi l-htija, anke lill-attrici, fit-termini tal-artikoli fuq citati.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewwgu fis-27 ta’ Lulju 2007 wara gherusija ta’ circa seba’ snin. Ftit xhur wara z-zwieg, f’Marzu 2008 bdew jinqalghu l-problemi u s-sitwazzjoni aggravat f’Settembru 2008, tant li f’Dicembru 2008 il-konvenut talab is-separazzjoni personali izda l-proceduri ma tkomplewx. Madankollu l-inkwiet matrimonjali ma naqasx, u skont il-konvenut, l-attrici keccietu mid-dar matrimonjali f’ Marzu 2009.

Wara s-separazzjoni *de facto* z-zewg partijiet immanifestaw li ghandhom relazzjoniijiet extra-matrimonjali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li sa minn qabel iz-zwieg kien jidher manifest li l-konvenut, allura l-gharus taghha, kien immatur, u ma kienx kapaci jiggestixxi flusu, u kien jonfoq il-paga tieghu kollha f’salt. Ghalhekk bi ftehim, hu kien jghaddilha l-paga kollha tieghu, filwaqt li hi kienet ittih kemm ikollu bzonn; izda tikkonferma li “jien minn naha tieghi dan iz-zmien kont nahdem, u kelli paga tajba. Kont infaddal u noqghod attenta biex nghix, kont nuza flus dejjem minn tieghi.”[1]

Tghid, li wara ftit xhur taz-zwieg, il-konvenut inbidel radikalment, u f’ Marzu 2008, tmien xhur wara z-zwieg, beda l-inkwiet matrimonjali, wara li kienet sabet xi messaggi fuq il-mobile tieghu; izda, ghalkemm kellha

[1] Aff. Fol.29

suspett li l-konvenut kien infidil lejha, hija hafritlu ghax riedet issalva z-zwieg. F’ dan iz-zmien ukoll il-konvenut kien rega’ beda jzomm il-paga kollha tieghu, u jonfoqha kollha f’ daqqa.

Tghid li s-sitwazzjoni aggravat f’ Settembru 2008, u f’ Dicembru tal-istess sena, il-konvenut kien talabha s-separazzjoni personali. Tispjega li kien johrog bil-lejl meta hi kienet tkun xoghol u jattendi parties fil-clubs; kien iqatta’ hafna hin fil-kazin tal-banda, u ta’ spiss kien jirritorna lura d-dar fis-sakra; u tghid ukoll li f’Dicembru 2008 il-konvenut kien ittanta lil ohtha z-zghira.

Eventwalment il-partijiet isseparaw *de facto*; u, ghalkemm l-attrici ma tindikax iz-zmien tas-separazzjoni, il-konvenut[2] jghid li f’ Marzu 2009 l-attrici kienet keccietu mid-dar konjugali.

L-attrici tghid li wara s-separazzjoni hi bdiet relazzjoni ma’ certu Orlando Cauchi, u fit-22 ta’ Dicembru 2010 [recte: 2009] twieldet tifla minn din ir-relazzjoni, li giet koncepita f’ April 2009. Min-naha tieghu l-konvenut dahal f’relazzjoni ma’ certu Maruska Lia, liema relazzjoni, skont hi kienet bdiet qabel is-separazzjoni.

*Verzjoni Konvenut*

Min-naha tieghu l-konvenut ma prezentax affidavit[3], izda xehed in ezami fis-seduti quddiemm l-Assistenta Gudizzjarja fil-21 ta’ Jannar 2011[4], u in kontro-ezami fit-30 ta’ Settembru 2011.

Fuq il-htija tas-separazzjoni, u dak allegat mill-attrici in propozitu fil-konfront tieghu, huwa ma xehed kwazi xejn. Fir-risposta guramentata tieghu jghid li l-hitja tas-separazzjoni m’ghandhiex tigi attribwita lilu esklussivament, imma wkoll minhabba l-“adulterju lampanti”[5] tal-attrici, kif ukoll il-fatturi kontemplati fl-artikolu 40.

[2] Dep. Fol.234
[3] Lanqas ma prezenta nota guramentata.
[4] Fol.232 et seq.
[5] Fol.24

Fid-depozizzjoni tieghu, il-konvenut jghid li f'Marzu 2009 "keccewni mid-dar". Jikkonferma li mis-sena 2000 sas-sena 2008 huwa kien jghaddi l-paga kollha lill-attrici li min-naha taghha kienet taghtih xi LM20 jew LM30 fix-xahar biex jghaddi bihom.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi mill-provi jirrizulta ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti, li wara z-zwieg il-konvenut naqas li jassumi r-responsabbilita' tieghu bhala ragel mizzewweg. Jirrizulta, mhux kontradett, li hu pretenda li jibda jaghmel dawk l-affarijiet li jaghmlu l-guvintur, bhal johrog wahdu, meta martu tkun xoghol bil-lejl, u wkoll jattendi *parties* go *night-club*. Dak li, skont l-attrici, huma ma kienux jaghmlu matul l-gherusija twila, il-konvenut beda jaghmlu waqt iz-zwieg, bir-rizultat li kien jinqala' hafna nkwiet bejn il-partijiet, partikolarment meta l-attrici kienet gustament toggezzjoni li meta hi kienet tkun xoghol ta' bil-lejl, il-konvenut kien johrog jiddeverti.

It-tilwim tkompla, u s-sitwazzjoni marret ghall-aghar, tant li f'Dicembru 2008 il-konvenut stess talab is-separazzjoni. Eventwalment il-partijiet isseparaw *de facto*, u llum it-tnejn jittrattjenu relazzjonijet extra-matrimonjali.

Illi fir-rigward, il-Qorti tosserva li, fuq bazi ta' probabilita', z-zewg partijet dahlu f' relazzjoni extra-matrimonjali qabel is-separazzjoni *de facto*. Min-naha tal-konvenut, il-komportament tieghu, jew il-*lifestyle* tieghu, matul il-konvivenza jissoda t-tezi attrici li r-relazzjoni tieghu ma' Maruska Lia kienet bdiet matul il-konvivenza; filwaqt li fil-konfront tal-attrici, tenut kont li dina skopriet li kienet harget tqila xahar biss wara s-separazzjoni *de facto*, taghti validita' lit-tezi li r-relazzjoni extra-matrimonjali taghha, bdiet ukoll qabel is-separazzjoni.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiiet tkisser irrimedjabbilment minhabba tortijiet attribwibbli liz-zewg partijiet; 'sevizzi' u adulterju da parti tal-konvenut, u adulterju da parti tal-attrici. Dan il-

komportament jattira fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-kapitlu 16.

**Manteniment**

Illi ebda manteniment mhu dovut lill-attrici minghand il-konvenut, stante dekadenza.

**Proprjeta' Parafernali – Komunjoni ta' l-Akkwisti**

*Dar Matrimonjali u Kreditu tal-konvenut*

Illi jirrizulta li d-dar matrimonjali bl-isem 'Saint Anthony', numru 65, St. R Street, Zabbar li, sas-sena 2000 kienu jabitaw fiha l-genituri tal-attrici flimkien mal-familja taghhom, inghatat lill-attrici b'titolu ta' donazzjoni minn missierha Gerald A, bajjad, permezz ta' kuntratt[6] fl-atti tan-Nutar Dottor Glorienne Portelli, ppubblikat fl-10 ta' Awissu 2005;  u ghalhekk ghandu jirrizulta car li dan il-fond huwa parafernali tal-attrici.

Illi in propozitu l-provi huma skarsi hafna, u din il-Qorti fil-konkluzjonijiet taghha in propozitu, ser tibbaza fuq dak li probabilment sehh, tenut kont tal-verosimiljanza *o meno* tat-tezi tal-partijiet, tenut kont tal-fatt li ma gew prodotti ebda dokumenti, u li fiz-zmien li saru x-xogholijiet kien hemm ftehim ezistenti bejn il-partijiet fis-sens li l-konvenut, li huwa llitterat, kien jghaddi l-paga kollha tieghu lill-attrici.

L-attrici tghid li f'dak iz-zmien hija kienet tahdem, u ghalkemm il-konvenut, allura l-gharus taghha, kien jghaddilha l-paga tieghu sabiex tqassamhielu skont il-bzonnijiet tieghu, hija kienet tfaddal u toqghod attenta, u biex tghix kienet dejjem tuza l-flus taghha.  F'dan ir-rigward il-Qorti, taccetta bhala veritiera din il-verzjoni tal-attrici.

Rigward ix-xogholijiet fid-dar, l-attrici ssemmi xogholijiet partikolari li saru mill-flus taz-zewg partijiet.  Tghid, "konna hallasna jien u hu flimkien, il-bini tat-tarag il-gdid ta' fuq, irrangajna t-tarag t' isfel, ghamilna l-gypsum, is-suffit u l-mosaic tat-tarag, u l-aperturi tal-faccata, u b' kollox dawn

[6] Fol.6

ma gewx aktar minn €7,000 bejn tnejn."[7] Tghid li l-affarijiet l-ohra bhal kamra tal-banju, il-kcina, s-salott informali, kienet ghamlithom hi a spejjez taghha.

Tghid ukoll, li hafna mix-xogholijiet li saru fid-dar saru minn missierha li ghandu s-sengha ta' bajjad. Dan, fix-xhieda tieghu, jghid li l-madum[8] sar bejn tnejn, u jghid ukoll li "Qabel izzewwgu konna ghamilna xi alterazzjonijet fid-dar sabiex meta jidhlu fiha tkun lesta minn kollox u l-ispejjez involuti kienu johorguhom bejniethom."[9]

Min-naha tieghu l-konvenut jghid li hu kien dam jghati l-paga tieghu lill-attrici mis-sena 2000 sas-sena 2008, filwaqt li lilu kienet tghaddilu bejn LM20 jew LM30 fix-xahar. Jghid li "M kienet tghidli li bil-kumplament kienet thallas il-post li nxtara LM10,000, u rrangajna s-sular ta' fuq."[10] Jikkonferma li l-ispiza ghall-materjali tas-saqaf, il-madum, il-kamra tal-banju, il-bricks, il-konkos, hadid u affarijiet ohra, kif ukoll it-turgien, thallsu bejniethom.

Illi in propozitu, il-Qorti tikkunsidera bhala veritiera l-verzjoni tal-konvenut li ghall-irrangar tal-post u ghall-kostruzzjoni tas-sular ta' fuq, l-ispejjez kollha thallsu bejn iz-zewg partijiet, inkluza l-kamra tal-banju; u l-Qorti ssibha difficli li, fic-cirkostanzi, taccetta l-verzjoni attrici li certu spejjez relatati ma' dawn ix-xogholijiet hargithom hi minn flusha, tenut kont kemm tal-fatt li hi kellha f'idejha l-flus tal-konvenut, tal-fatt li l-ispejjez kienu qed isiru sabiex jitranga l-fond li kien intiz li jservi bhala d-dar konjugali taz-zewg partijiet, kif ukoll il-fatt li l-attrici naqset li tressaq prova dokumentali li turi li certu ispejjez hargithom hi biss. Jidher car ghal din il-Qorti li l-ftehim bejn il-partijiet, implicitu jekk mhux espress, kien li d-dar tigi rrangata a spejjez taz-zewg partijiet.

Ferm il-premess, il-Qorti tikkunsidera li l-kreditu parafernali fir-rigward dovut lill-konvenut mill-attrici

[7] Fol.30
[8] Fol.43
[9] Fol.43
[10] Fol.233

ghandu jkun fl-ammont ta’ €4,660 komputat minn din il-Qorti *arbitrio boni viri*.

Illi rigward il-pretensjoni tal-konvenut biex jigi mhallas lilu l-valur tax-xoghol li ghamel fid-dar matrimonjali qabel iz-zwieg, il-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax sodisfacentement li dan kien ghamel xi xogholijiet jew ghen fix-xogholijiet, hlief bl-ispejjez maghmula minnu.

*Mobbli*

In propozitu l-attrici tghid li uhud mill-affarijiet xtrathom hi qabel iz-zwieg, bhas-“salott informali”, ohrajn, bhal kamra tas-sodda u s-salott kienu rigali ta’ ommha u ta’ nannitha, filwaqt li “hafna affarijiet ohra sibthom lesti ghax il-genituri tieghi rabbewna fl-istess fond.”

Ix-xhieda tal-attrici fir-rigward hija sostnuta wkoll minn ommha, li tikkonferma li s-salott, is-sottospecchio, kamra tas-sodda kompluta huma parafernali tal-attrici, u tghid li din hi l-ghamara kollha li kien hemm.

Min-naha tieghu l-konvenut jghid li huma kienu xtraw kcina zghira, sufan, zewg sets tat-television, zewg DVD, playstations, anglu kbir bil-hgieg fuqu ghas-salott. Jghid li hu ma ha ebda flus lura u dawn l-oggetti ghadhom fil-pussess tal-attrici.

Peress li, anke f’ dan ir-rigward il-provi, partikolarment dawk tal-konvenut huma skarsi, il-Qorti, bil-prezunzjoni li dawn l-oggetti jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, qed tikkomputa s-sehem dovut tal-konvenut fl-oggetti mobbli appartenenti liz-zewg partijiet, fl-ammont ta’ €1,200.

Ghalhekk il-Qorti tordna li l-attrici thallas lill-konvenut l-imsemmija ammonti ta’ €4,660 u €1,200 – **b’ kollox hames t’elef, tmien mija u sittin ewro [€5,860],** ghas-saldu tal-kreditu tieghu, u sehmu mill-komunjoni, salv ghall-vetturi indikati aktar l’ isfel.

Illi rigward id-depoziti bankarji li jidher li jezitu mill-i*statement* ezebiti, u li dwarhom m’hemm ebda xhieda,

korroboranti jew spjegattiva, il-Qorti tordna li l-bilanc tad-depoziti bankarji li kienu jezistu fl-ahhar ta' Marzu 2009, kemm konguntivament, kif ukoll separatament, ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Illi z-zewg vetturi tal-partijiet ghandhom jigu divizi fis-sens li l-Peugeot 306 tigi assenjata fl-intier taghha lill-attrici, filwaqt li l-VM Polo ghandha tigi assenjata lill-konvenut fl-intier taghha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija taz-zewg partijiet,ghalkemm fi gradi differenti kif ser jigi rifless fil-kap ta' l-ispejjez;
[2] tilqa' t-tieni talba;
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tilqa' ir-raba' talba, u tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48 tal-kapitlu16;
[5] tilqa' il-hames talba, u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti mill-ahhar ta' Marzu 2009, tillikwidha u tassenjaha, flimkien mal-kreditu parafernali tal-konvenut, fit-termini, u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **" Kreditu Parafernali - Komunjoni ta' l-Akkwisti"**
[6] tilqa' is-sitt talba, fis-sens li tiddikjara l-fond numru hamsa u sittin [65] 'Anthony House', Triq San Guzepp, Zabbar, proprjeta' parafernali tal-attrici, u tordna l-izgumbrament tal-konvenut mill-istess;
[7] tilqa' s-seba' talba.

L-ispejjez ghandhomm jigu sopportati konguntivament bejniethom fi kwoti ta' zewg terzi [2/3] a kariku tal-konvenut, u terz [1/3] a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------